Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Consuelo Scerri Herrera, LL.D., Dip Matr., (Can)

Appell Nru: 361 / 2018

**Il-Pulizija**

**(Spettur James Grech)**

**(Spettur Fabian Fleri)**

**Vs**

**Kurt Grima**

Illum 21 ta' Mejju, 2019.

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant, Kurt Grima detenur tal-karta tal-identita' numru 138785 M, akkuzata quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

B' diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u liema atti gew maghmula b' rizoluzzjoni wahda:

1. Ikkagunajt fI-10 ta' Mejju 2012 minn gewwa residenza bl-isem ta' Roseville bin-numru 1 Ii tinsab Triq il-Wirt Naturali Naxxar ikkomettejt serq ta' television tal-ghamla Philips u camera tal-ghamla Fuji u ogetti ohra, liema serq hu kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-rnitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz, bil-hin u bil-lok, ghad-detriment ta' Paolo Vella u/jew persuna/i ohra;

2. U aktar talli fil-11 ta' Gunju 2012 bejn is-07:00hrs u 18:00hrs gewwa il-Qasam Industrijali ta' Kordin ikkomettejt serq ta' speakers u oggetti ohra minn go vettura tal-ghamla Seat Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni IAM829, liema serq hu kkwalifikat bil-valur Ii jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix I-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37), bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Joseph John Cesare u/jew persuna/i ohra;

3. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal-marka Seat Ibiza bin-numru tar-registrazzjoni IAM829, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u sittin euro u disgha u sittin cenetzmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija u sittax il-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Joseph John Cesare u/jew persuna/i ohra;

4. U aktar talli fil-lejl ta' bejn id-9 u 1-10 ta' Ottubru 2008, ghall-habta ta' bejn il-17:00hrs u is-07:50hrs gewwa Triq iI-Katakombi, Marsaskala, ikkomettejt serq ta' stereo tal-ghamla Kenwood minn go vettura tal-ghamla Mazda 323 bin-numru tar-registrazzjoni AAJ681, liema serq hu kkwalifikat bil-valur Ii jeccedi l-mitejn u tnejn u tletin Euro u erbgha u disghin Euro centezmu (€232,94) izda ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u qhoxrin Euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) bil-mezz, bil-hin u bix-xorta tal-haga misruqa, ghad-detriment ta' Josephine Sammut u/jew persuna/i ohra;

5. U talli fl-istess data, lok, hin u cirkustanzi, volontarjament hassart, ghamilt hsara jew gharraqt hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' fuq vettura tal- marka Mazda 323 bin-numru tar-registrazzjoni AAJ681, liema ammont ta' hsara ma tiskorrix elf mija u erbgha u siitin euro u disgha u sittin cenetzmu (€1,164.69) imma hija izjed minn mija u sittax ll-euro u sebgha u erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' Josephine Sammut u/jew persuna/i ohra;

6. U talli ksirt il-provediment tal-Artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D. datata il-11 ta' Jannar, 2007.

7. U talli ksirt il-provediment tal-Artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Antonio G. Vella LL.D. datata it-18 ta' Ottubru, 2007.

8. U talli ksirt il-provediment tal-Artiklu 7 tal-Kapitlu 446 tal-Ligijiet ta' Malta b' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Magistrat Dr Antonio Mizzi LL.D. datata il-1 ta' Frar 2011.

9. U aktar talli sirt recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' nhar is-26 ta' Settembru, 2018, fejn il-Qorti filwaqt li ma sabitx lill-imputat hati tar-raba' u l-hames imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u minnhom illiberatu, u filwaqt li astjenit milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tas-sitta, seba' u tmien imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tal-imputat, wara li rat l-artikoli 18, 49, 50, 261 (b) (c) (e) (g), 263, 267, 269 (g), 271 (g), 278 (3), 279 (a), 289 u 325 (1) (c) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta sabet lill-imputat hati tal-ewwel tlett imputazzjonijiet b' dan li l-imputat ma nstabx hati tal-kwalifika tal-hin fl-ewwel imputazzjoni u inkwantu ghat-tielet imputazzjoni nstab hati fit-termini tal-artikolu 325 (1) (c) u mhux 325 (1) (b) tal-Kodici Kriminali u ikkundannatu ghal tletin (30) xahar prigunerija.
Inoltre' ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali ikkundannat lill-hati jhallas l-ammont ta' disa' mija u erba' u sebgha u disghin centezmu (€904.97) rapprezentanti hlas tal-espert nominat.

Rat ir-rikors tal-appell tal-appellant Kurt Grima, prezentat fir-registru ta' din l-Onorabbli Qorti nhar it-3 ta' Ottubru, 2018, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tirriforma s- sentenza fl-ismijiet ii- Puluzija vs Kurt Grima mghotija mill-Onorabbli Qorti tal- Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru elfejn u tmintax (2018) billi tiddikjara nulla s-sentenza appellata ghar- ragunijiet imressqa fl-ewwel aggravju u tibghat l-atti ta' din il-kawza quddiem l-Ewwel Qorti sabiex tinghata sentenza skond il-Ligi u fi kwalunkwe kaz, tirrevoka dik ii- parti fejn sabet lill-appellant hati tal-ewwel u t- tieni u t-tielet imputazzjonijiet u minflok tillibera lill-appellant mill-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu; Jew

2. Tirriforma s- sentenza fi-ismijiet il-Puluzija vs Kurt Grima mghotija mill-Onorabbli Qorti tal- Magistrati bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar is-sitta u ghoxrin (26) ta' Settembru elfejn u tmintax (2018) billi tnaqqas il-piena inflitta fuq l-appellant sabiex tinfliggi piena aktar adattata ghac-cirkostanzi tal- kaz.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellati.

Rat l-atti kollha tal-kaz.

Rat illi l-aggravji huma cari, manifesti u jikkonsistu fis-segnwenti: -

1. L-Ewwel Aggravju: Illi preliminarjament is- sentenza appellata hija nulla u dan peress illi l-proceduri tal- Prim' lstanza kienu lezivi tad-dritt tal-appellant ghal smiegh xieraq. Illi l-istqarrija li ghamel l-imputat ttiehdet wara li ngab direttament mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin u l-imputat irifjuta l-assistenza tal-Avukat tieghu u ammetta l-involviment tieghu fil-kaz. Illi b' referenza ghad-Drittijiet Fundamentali tal-Bniedem, l-assistenza tal-avukat tista tigi rrifjutata biss f' cirkostanzi limitati. Illi mhux biss, izda dan ir-rifjut ghandu jkun volontarju, u l-imputat ghandu jkun cert u f' siktu bizzejed li jkun ha decizjoni b' diligenza u li jkun gharaf il- konsegwenzi ta' din l-istess decizjoni. Illi l-appellant zgur li ma kienx cert minn dak ghaddej madwaru specjalment meta dan jittiehed fid- dawl tac-cirkostanzi tal-kaz fejn dan li jirrigwardja l-ewwel imputazzjoni, huwa ghamel dikjarazzjoni li hija manifestament maqtugha mill-kaz u b' fatti li m' ghandhomx x' jaqsmu xejn u din hija

indikazzjoni cara li l-appellant ma kienx qieghed jifhem sewwa sew x' kien qieghed jigri;

2. Illi fil- kaz ta' **Pishchalnikov v. Russia** tal-24 ta' Settembru 2009[1], hemm il-vjolazzjoni tal-Artikolu 6 (1) in konnessjoni mal-Artikolu 6 (3) (c ) fejn l-applikant ma inghatax access ghall-parir tal-avukat fl-ewwel jiem li hu kien jinsab fil-kustodja tal-puluzija filwaqt li l-Gvem kien qieghed jargumenta li l-istess applikant irrinunzja ghad-dritt tieghu ghall-avukat. Il-Qorti sabet li meta wiehed jirrinunzja, din ghandha tkun,

> "must not only be voluntary, but must also constitute a knowing and intelligent relinquishment of a right. Before an accused can be said to have implicitly, through his conduct, waived an important right under Article 6, it must be shown that he could reasonably have foreseen what the consequences of his conduct would be" (para. 77).

3. Illi l-Qorti ikkunsidrat li d-dritt ghall-ghajnuna tal-avukat huwa dritt fundamentali li jaghmel parti importanti fis-smiegh xieraq kif huwa mitlub u enforzat taht il-Konvenzjoni Ewropea Drittijiet tal-Bniedem u li ghalhekk ghandu bzonn protezzjoni specjali li wiehed jirrunzja bit-tgharif u l-intelligenza ta' din l-istess decizjoni. Illi jidher b' mod car li fil-kaz odjem, id-dritt tal-appellant gie leziv hekk kif din l-interrogazzjoni u l-istqarrija tieghu saret fic- cirkostanzi li l-ewwel kien ngieb direttament mill- Facilita Korrettiva ta' Kordin u t-tieni irrifjuta Ii jiehu parir legali ghaliex ma kienx jaf verament dan x' ifisser u x' setghu jkunu l-konsegwenzi ta' dan il-pass mehud f' mument kritiku, fl-istat li kien jinsab fih l-appellant;

4. Illi apparti li d-drittijiet tal-appellant gew lezivi, din l-Onorabbli Qorti ghandha tiehu in konsiderazzjoni c- cirkostanzi partikolari ta' dan il-kas u l-fatt li l-appellant ma kienx involut f' din is-serqa ghaliex is-sehem tieghu kien biss li jmur jghin lill-habib tieghu billi jgorrlu l-affarijiet bil-karozza tieghu. Illi l-appellant ma kienx involut fis-serqa sija bhala awtur jew bhala komplici u

[1] ECtHR, App no 7025/04

ma kienx qieghed jifhem x' kien qed jigri u dan huwa aktar car ghaliex jidher li l-istqarrija tieghu hija iktar approprijata ma kawza ohra deciza u pendenti fl-Appell. Illi di fatti jekk wiehed jara s-sentenza mghotija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif preseduta mill-Mag. Dr N. Camilleri fil-5 ta' Lulju 2018 jirrejalizza li l-imputat kien qieghed iwiegeb fl-istqarrija ghall-fatti rizultanti f' dak il-kaz u mhux f' dan;

5. It- Tieni Aggravju : Illi fit- tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-appellant umilment jissottometti li l-Ewwel Onorabbli Qorti kienet zbaljata meta sabitu hati tal-ewwel u tieni imputazzjonijiet u dan ghaliex mill-impronti elevati u skond l-espert Joseph Mallia, fl-ewwel kaz gie misjub li mill-lifters elevati, wiehed biss kien tajjeb ghall-komparazzjoni u fit-tieni kaz, tnejn biss kienu tajbin ghall-kumparazzjoni u ghalhekk dan mhux prova sodisfacenti biex l-Ewwel Qorti issibu hati;

6. Illi fil-kaz ta' **Pulizija vs. Anthony Abela**[2], inghad li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahidha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuzata. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn fingerprints li jinstabu f' postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc., li fihom imorru hafna nies u fingerprints li jinstabu f' xi dar ta' residenza. Il-Qorti qalet hekk fir-rigward:

> "*Kienet tkun haga ferm diffrrenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privat u jigi stabbilit li s-suspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija.*"

7. Illi b' referenza ghal kaz odjem, l-ewwel impronta ittiehdet mill-pugaman tal-gallarija, li ghalkemm ma tinkriminax l-appellant, turi ukoll l-karattru tal-

[2] Datata 28 ta' Mejju, 1998

imputat li fl-istqarrija qal li kellu jidhol fir-residenza biex l-iehor inewwilu it-television minghajr ma qatt setgha basar fil-konsegwenzi ta' dan l-agir. Illi minn naha l-ohra fir-rigward tat-tieni imputazzjoni, l-impronti gew elevati minn karozza ipparkjata fl-inhawi tal-Industrial Estate ta' Kordin, post pubbliku li diversi nies ghandhom access ghalih minhabba li jahdmu hemm diversi impjegati. Illi l-appellant ma ftakarx il-partikolaritajiet ta' dan il-kaz. Illi b' referenza ghal kaz **Puluzija vs Anthony Abela**[3], il- Qorti ta' l-Appell Kriminali wara li kkonstata li l-impronta digitali ta' l-appellant instabet fuq il-post tas- serqa, hanut, qalet li dan huwa:

> *' post espost ghall-pubbliku fejn ta' kuljum imorru in-nies u li certament hafna minnhom ihallu tracci taghhom warajhom hemmhekk, tracci bhal ma huma impronti digitali u palmari. Dan ifisser, allura, li kull min halla l-marka tas-swaba tieghu hemm hekk bilfors ghandu jkun suspettat tas- serqa li saret minn dak il-hanut? F' kaz fejn ghandek post pubbliku bhal hanut, knisja, cinema, hwienet tax-xorb, diskoteki, fejn dan ta' kuljum huma ffrekwentati minn mijiet ta' nies, certament ma jistghax jinghad li legalment is- sejba ta' marka ta' swaba ta' xi hadd f' dawk il-postijiet, wahedha, hija sufficjenti biex issib htija fuq sid dik il-marka, irrispettivament minn min effitivament hi dik il-persuna...'*

8. Illi dan iffisser li ghalkemm din il-prova tista tqanqal suspett ragonevoli fl-appellant, din xorta wahda m' hijiex prova li turi lil hinn minn kull ebda dubju li kien l-appellant li wettaq is-serqa. Illi dan il-principju huwa rifless ukoll fil- gurisdizzjoni intemazzjoni li ukoll tishaq li meta l-fingerprints jinstabu f' post pubbliku bhal ma hi l-karozza fl-Industrial Estate ta' Kordin, din il-prova ma tipruvax lil hinn minn kull dubju l-htija tal-imputat;

9. Illi fil-kaz ta' **C.E. v. State**, C.E. (No. 94-34O5)[4], l-impronta li nstabet kienet fuq van tal-puluzija li kien ipparkjat gewwa l-parkegg ta' Broward Country Sheriff' s. Illi ghalkemm il-puluzija biss kellhom il-permess li jidhlu f' dan il-parkegg, ma kienx hemm grada, u ghalhekk kwalunkwe individwu setgha

[3] Datata 28 ta' Gunju, 1998

[4] District Court of Appeal of Florida, Fourth District, January 3,1996

dahal jew ipparkja go fih. Illi l-impronti li gew levati kienu jaqblu ma' dawk elevati mill-pala u s-swaba tal-appellant. Illi dan il-van kien ipparkjajt go post pubbliku, anke jekk il-pubbliku ma kienx awtorizzat li jidhol fih u ghalhekk jekk m' hemmx evidenza li dawn l-impronti saru fil-hin li saret is-serqa innifisha, l-imputat ikollu dritt li jigi illiberat mill-akkuza ghaliex propju ma giex pruvat li l-impronti kienu hemm fil-mument li sehhet il-kriminalita' in kwistjoni;

10. It-Tielet Aggravju: Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti umilment jisottometti li l-piena inflitta fuqu ghar-rigward l-akkuzi hija qawwija u l-appellant ihoss li m' hijiex indikata sabiex tirrajbilita ruhu u tintegrah fis- socjeta' . Illi dan qieghed jigi mressaq ghaliex fil-gurnata tal-llum, hemm diversi pieni alternattivi li jistghu jinghataw f' kazijiet fejn il-problema principali ma hijiex marbuta ma delinkwenza abitwali imam hija xprunata mill-bzonn passat sabiex tinxtara d-droga;

Semghet lill-partijiet jittrattaw il-kaz u dan fis-seduta tal-25 ta' April, 2019.

Ikkunsidrat.

Qratt ix-xhieda imresqa mill-prosekuzzjoni fosthom is-segwenti:-

L-**Ispettur Fabian Fleri** xehed nhar it-23 ta' Lulju 2014 u dan stqarr li ghall-habta ta' Settembru, 2013 kien irceva rapport forensiku rigward serqa li kinet sehhet fil-11 ta' Gunju 2012 minn vettura tal-ghamla Seat Ibiza bin-numru ta' registrazzjoni IAM 829 li kient ipparkjata fl-Industrial Estate ta' Kordin. Irrizultali l-palm print li instabet fuq din il-vettura kienet taqbel pozittivament ma dik ta' certu Kurt Grima li kien gja maghruf maghna fuq reati qabel. Huwa tkellem ma l-Ispettur James Grech ghaliex dan kien riedu in konnessjoni ma zewg serqiet ohra wahda minn go residenza 'Roseville', Triq il-Wirt Naturali, Bahar ic Caghaq, Naxxar li kienet sehhet fl-10 ta' Mejju, 2012 u ohra minn vettura tal-ghamla Mazda 323 numru ta' registrazzjoni AAJ 681 liema serqa sehhet fl-10 ta' Ottubru, 2008. Din il-vettura Mazda kienet ipparkjata fi Triq l-Katakombi, M'scala. Jghid li fir-rigward ta' dawn l-ahhar zewg reati

jirrizulta ukoll li kien hemm fingerprints fuq ix-xeni tar-reat li kienu jaqblu ukoll mal-impronti tal-appellant.

Sussegwentement, fit-30 ta' Novembru, 2013 waqt li l-appellant kien qiegħed jiskonta sentenza ta' prigunerija ghamel talba lid-Direttur tal-Facilita li kellhom bzonn ikellmu lill-appellant u kienu kelmuh, kemm hu kif ukoll l-Ispettur James Grech. Jghid li kienu tawh id-drittjiet kollha tieghu u rrifjuta li jiehu d-dritt tal-Avukat qabel ma jibda l-interrogatorju. Huma interrogawh fuq dawn it-tlett serqiet li l-appellant kien ammetta li kienu hu li wettaqhom. Huwa esebixxa l-istqarrija tieghu li giet markata bhala dok FF, id-dikjarazzjoni tar-rifjut ghall-parir legali li gie markat bhala dok FF1, dokument iffirmat mid-Direttur tal-Facilita li jindika n-nuqqas ta' oggezzjoi tieghu li l-ufficcjali investigattiv jitkellmu mal-appellant li gie markat bhala dok FF3, l-okkorenza rigward is-serqa tal-vettura AAJ 681 datata 10 ta' Ottubru 2018 li giet markata bhala dok FF4, okkorenza ohra dwar is-serq tal-vettura numru ta' registrazzjoni IAM 829 datata 11 ta' Gunju, 2012 markata bhala dok FF5 kif ukoll l-okkorenza dwar is-serqa li saret mill-villa Roseville, Triq Wirt Naturali, Naxxar nhar l-10 ta' Mejju 2012 li giet markata bhala dok FF6.

Spettur James Grech xehed u kkonferma li kien tkellem mal-appellant flimkien ma l-Ispettur Fabian Fleri u dan nhar it-30 ta' Novembru, 2013. Huwa kkonferma l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant esebita fl-atti u markata bhala dok FF1. Bazikament jghid li l-appellant kien ammetta ghal tlett serqiet li bihom gie akkuzat.

**PS 680 Colin Sheldon** spjega li fl-10 ta' Ottubru, 2008 kienet giet vettura tal-ghamla Mazda 323F numru ta' registrazzjoni AAJ 681 fil-bitha tas-CID wara li matul il-lejl xi hadd kien sgassa din il-vettura u insterqilha stereo. Huwa ezamina din il-vettua flimkien ma sidha Josephine Sammut u eleva xi mpronti digitali minn fuq il-bieba tax-xuffier. Huwa ddokumenta dawn il-lifters u ffotgrafhom u pprezenthom f'rapport li gie market bhala dok CS .

**PS 1261 Charles Pace** spjega li fil-11 ta' Gunju 2010 huwa kien ezamina vettura tal-ghamla Seat Ibizia nurmu ta' registrazzjoni IAM 829 gewwa il-bitha tas-CID. Din il-vettura kien gabha Joseph John Cesare. Dan Cesare kien spjegalu li kien halla l-

vettura pparkjata gewwa Rahal Gdid ghall-habta tas.7.00am u meta mar lura fis-6.00pm ma sabhiex hemm. Hemmhekk kien eleva tlett lifters, tnejn minnhom minn fuq il-bieba tas-sewwieq sewwa sew minn fuq wind breaker u lifter iehor elevat minn fuq is-saqaf tal-vettura vicin il-parti tal-bieba tas-sewwieq. Huwa pprezenta ir-relazjoni tieghu li saret ai fini ta' police work li giet markata bhala dok CP.

**PS 637 Kevin Manicolo** jghid li kien stazzjonat l-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar u ghall-habta tal-11.00a.m tal-5 ta' Mejju 2012 gew infurmati li kienet sehhet serqa gewwa l-fond 'Roseville', Triq il-Wirt Naturali, Bahar ic-Caghaq. Huwa mar fuqil-post u ha hsieb ix-xoghol konness mat-tehid tal-impronti digitali. Fuq il-post sab hafna taqlib fost sgass u irnexxilu jeleva tlett impronti minn fuq puggaman tal-gallerija li jaghti ghall-kamra tas-sodd. Huwa pprezenta r-relazzjoni teighu li giet markata bhala dok KM.

**Joseph John Cesare** xehed nhar il-21 ta' Ottubru 2014 u kkonferma li kien halla l-vettura tieghu tal-ghamla Seat Ibizia f'Rahal Gdid u kien mar jghamel rapport l-ghassa li kienu kissrulu l-hgiega tan-naha tal-passigier ta' quddiem u serqulu l-woofer, speakers u zewg pockes tas CDs. L-ghassa baghtuh id-depot sabiex jiehdu xi impronti digitali. Jghid li l-affarijiet li insterqulu kellhom valur ta' mitejn u hamsin euro (€250).

Rat id-digiret tal-21 ta' Ottubru 2014 ( fol. 48) fejn l-ewwel Qorti innominat lil Joseph Mallia bhala espert tal-impronti digitali sabiex jiehu l-impronti digitali tal-appellant u jigu maqluba mal-lifters esebiti fl-atti.

**Joseph Mallia** xehed nhar id-9 ta' Marzu 2015 kkonferma li kienha l-finger prints u palm pritns tal-appellant seduta stante u irtira mill-atti it-tlett rapporti maghmula mis-SOCO officers tal-pulizija bil-ghan lijsir esami komparatttiv bejnhom u bejn l-impronti tal-appellant. Nhar il-25 ta' Mejju, 2015 rega xehed u qal li ghal dak li jirrigwada l-impronti li instabu fil-vettura Mazda 323F numru AAJ 681 kien hemm impronti li kienu tajbin ghal fini ta' komparazzjoni u ohrajn li ma kienux wahda mill-impronti 08CFS301 kienet taqbel pozittivament u ghalhekk hija identika mal-marka tas-seba' l-werrej tal-id l-leminija ta' Kurt Grima. Ghal dak li jirrigwarda is-

serqa li saret gewwa l-fond 'Roseville', Bahar ic-Caghaq kien hemm xi imrponti li kienu tajbin ghal komparazzjoni u ohrajn li ma kienux, impronta li kienet iggib il-kodici 12BJJ302 kienet taqbel pozittivament u ghalhekk kienet ta' l-istess Kurt Grima. Ghal dak li jirrigwarda l-vettura Seat Ibiza numru IAM 829 jinghad li wahda mill-impronti kienet taqbel pozittivament u ghalhekk kienet identika ma parti mill-arka tal-pala ta' id il-leminija ta' l-istess Kurt Grima. Huwa pprezenta dan ir-rapport tieghu li gie markata bhala dok JM .

**Spettur Justin Camilleri** jghid l fl-10 ta' Mejju 2002 kellu ir-rank ta' Surgent 1131 u kkonferma l-okkorenza esebita fl-atti a fol 41 markata bhala dok FF6, rigward ir-rapport li kien sar fil-konfront tas-serqa tal-villa Roseville, Bahar ic–Caghaq. Huwa kien mar ikellem lill-kwerelant certu Paul Vella u dan qallu li kein sab divesi oggetti neqsin mid-dar tieghu u kien ghalhekk li informa lill-Ispettur Elton Taliana dwar dan.

Fil-25 ta' Mejju 2015 xehdet **WPS 40 Isabella Camilleri** u kkonfermat li nhar l-10 ta' Ottubru 2008 hija kient stazzjonata Wied il-Ghajn u ghall-habta ta' 8.201.am kient marret Josephine SAmmut tagheml rapport li xi hadd kien sgassalha l-vettura taghha tal ghamla Mazda 323F numru ta' registrazzjoni AAJ 681 u minn go l-imsemmija vettura hadilha stereo tal ghamla Kenwood li meta inxtara kien jiswa LM200. Qalet li hija ma spezzjonatx il-vettura izda din giet spezzjonata minn PC 886 Emanuel Micallef hija kkonfermat l-okkorenza esebita fl-atti u markata bhala dok FF4 afol. 33.

**L-Ispettur Elton Taliana** xehed fil-25 ta' Mejju 2015 ikkonferma li kien investiga rapport ta' serqa li saret mill-fond 'Roseville' Bahar ic Caghaq minn fejn insterqu divesi oggetti eletrronici. Huwa kkonferma ir-rapport esebit fl-atti u market bhala dok FF6 a fol. 41.

**Josephine Sammut** xehedet nhar l-24 ta' Gunju, 2015tikonferma li kienet marret taghmel rapport fl-10 ta' ottubru, 2008 fejn irraportat li serqulha stereo mill-vettura taghha tal-ghamla Mazda 323F waqt li kienet pparkjata fi Triq il-Katakombi, M'Scala. Qalet li hsara ma kellhiex marret tiftah il-karozza u sabitha miftuha Qalet li meta

xtratu kienu gholjin u halset is-somma ta' LM300 ghalih. Qalet li spiccat id-Depot sabiex ittihdu xi impronti minn fuq i-vettura.

**PS 285 Jeffrey Cutajar** xehed u kkonferma l-okkorenza esebita u markata bhala dok FF5 a fol. 37. Qalet li Joseph John Cesare kien irraporta lilu waqt li kien l-ghassa tal-pulizija Rahal Gdid li kienu serqulu l-karozza . Ikkonferma li r-raport kien sar l-orderly certu PC 310 Anthony Meli.

**PC 310 Anthony Meli** kkonferma li ir raport market bhala dok FF5 kien ghamlu hu dwar rapport li kien ghamel Joseph John Cesare dwar is-serqa tal-vettura teighu tl-ghamla Seat Ibiza nurmu ta' registrazzjoni IAM 829 minn gewwa Kordin. Dan Cesare kien qllu li kien ipparkja l-vettur ahemm fis-7.00a.m u meta mar lura ghaliha fis-6.00 pm sab li kellu l- hgiega miksura u serqulu l ispeakes u mawar mitt CD

Rat il-verbal tal-Qorti tat-23 ta' Lulju, 2014 fejn id-difiza ezentat lill-proskeuzzjoni mill-htiega li tressaq lil PS 985 Stephen Pace li kien xhud tad-dikajrazzjoni tar rifjut ta' jedd ghal parir legali beix jixhed.

**Brian Farrugia** in rappresentanza ta' Transport Mala xehed fl-14 ta' Lulju 2015 u kkonferma li l-vettura tal ghamla Mazda 323F numru ta' registrazzjon AAJ 861 hi rgistrata f'isem Silvio Desira u ilha hekk registrata fuqu sa mit-3 ta' Novembru 2009 u qabel kient registrata f'isem Josephine Sammut bejn it-12 ta' Ottubru 2006 sat-3 ta' Novembru, 2009 u esebixxa dokument f'dan ir-rigward li gie market bhala dok BF
Fir-rigward tal-vettura tal-ghamla Seat Ibiza numru ta' registrazzjoni IAM 829 kient registrata fuq Joseph John Cesare mll-4 ta' ottubru 2010 sal-25 ta' Novembru, 2014 u esebixxa dokumentazzjoni f'dan ir-rigward li gie mmarkat bhala dok BF1.

**Spettur James Grech** xehed fl-14 ta' Lulju 2015 u pprezenta erba' sentenzi li inghataw fil-konfront tal-appellant odjern li gew markati bhala dok JG 1, JG2 , JG 3 u JG 4 .

Rat il-verbal tal-Qorti tat-14 ta' Lulju, 2014 fejn il-prosekzzjoni irrinunzjat ghax-xhieda ta' Paul Vella stante li dan hu ragel marid u ibati mid-dimentia u in vista tal-

ammissjoni tal-appellant fl-istqarrija ma hassitx il-htiega li tressaq dan ix-xhud il-Qorti.
Rat in-nota tal-proseskutur James Grech fejn permezz taghha irtira l-akkuzi numri 6 u 7 u dan ghaliex jidher li l-appellant kien gja gie trattat ghal ksur tal-Probabtion moghtija lilu mill-allura Magistrat Dr Antonio Mizzi fi-11 ta' Jannar 2007, u mill-allura Magistrat Dr A. Vella nhar it-18 ta' Ottubru 2007.

Rat ukoll li fin-nota ta' sottomissjoni tal- Kummissarju tal- pulizija esebita fl-atti nhar is-27 ta' Gunju, 2013 fejn irrileva li l-appellant gja tratta l-ksur tal-Ordni tal-Probabtion li inghatat lilu fl-1 ta' Frar, 2001 peremezz ta' sentenza li inghatat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar l-1 ta' Marzu 2017 per Magistrat Donatella Frendo Dimech.

Semghet lill-avukati difensuri jittrattaw il-kaz.

Ikkunsidrat.

Illi f'din il-kawza l-appellant principalment instab hati tar-reat ta' serq minn gewwa ir-residenza Roseville, Bahar ic-Caghaq li sehhet nhar l-10 ta' Mejju 2002 ghad-detriment ta' Paul Vella, liema serq hu kkwalifikat bil-mezz u bil-lok, tat-tieni akkuza ta' serq ta' speakers u CDs minn vettura tal-ghamla Seat Ibiza ghad-detriment ta' Joseph John Cesare li sehhet nhar l-11 ta' Gunju, 2012 liema reat hu aggravat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa u tat-tielet akkuza, ta' hsara volontarja fil-vettura tal-ghamla Mazda 323F ghad detriment ta' Joseph John Cesare liema hsara ma tiskorrix l-ammont ta' €116.47 u talli huwa recidiv ai termini tal-artikolu 49,50 u 289 tal-Kodici Kriminali.

Illi l-appellant fl-**ewwel** aggravju tieghu jghid li din il-Qorti ghandha tiskarta l-istqarrija rilaxxjata mill-appellant nhar it-30 ta' Novembru 2013 (Dok FF1) ghaliex din inghatat meta huwa kien ghadu kemm ingab mill-Facilita Korrettiva ta' Kordin u qabel l-interrogatorju huwa irrifjut id-dritt ta' l-assistenza ta' avukat. Illi skont id-difiza dan ir-rifjut jista' jsir f'kazijiet limtiati biss.

Ikkunsidrat;

Illi d-Direttiva 2013/48/UE49 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2013 dwar id-dritt ta' acc ess għas-servizzi ta' avukat fi procedimenti kriminali u fi procedimenti ta' mandat ta' arrest Ewropew, u dwar id-dritt li tigi infurmata parti terza dwar ic -caħda tal-liberta u d-dritt għal komunikazzjoni ma' partijiet terzi u mal-awtoritajiet konsulari, matul ic -caħda tal- liberta fl-artikolu 3 tiprovdi:

*'Id-dritt ta' acc ess għas-servizzi ta' avukat fi proc edimenti kriminali*

*1. L-Istati Membri għandhom jiz guraw li l-persuni suspettati u akkuzati jkollhom id-dritt ta' acc ess għas-servizzi ta' avukat f'ħin u b'mod li l-persuni koncernati jkunu jistgħu jezercitaw d- drittijiet tagħhom ta' difiza b'mod prattiku u b'mod effettiv.*

*2. Il-persuni suspettati jew akkuzati għandu jkollhom access għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien zejjed. Fi kwalunkwe kaz , il-persuni suspettati jew akkuzati għandu jkollhom id-dritt ta' acc ss għas-servizzi ta' avukat mill-mument l-aktar qrib minn dawn li g ejjin:*

*(a) qabel ma jigu interrogati mill-pulizija jew minn awtorita oħra tal-infurzar tal-ligi jew g udizzjarja;*

*(b) mat-twettiq minn awtorita ta' investigazzjoni jew awtorita kompetenti oħra ta' att investigattivi jew att ieħor ta' gbir ta' provi skont il-punt (c) tal-paragrafu 3;*

*(c) mingħajr dewmien z ejjed wara c -c aħda tal-liberta ;*

*(d) fejn gew imħarrka biex jidhru quddiem qorti li għandha gurisdizzjoni f'materji kriminali, fi z mien debitu qabel ma jidhru quddiem dik il-qorti.*

*3. Id-dritt ta' access għas-servizzi ta' avukat għandu jimplika dan li gej:*

*(a) L-Istati Membri għandhom jiz guraw li persuna suspettata jew akkuz ata jkollha d-dritt li tiltaqa' fil-privat u tikkomunika mal-avukat li jirrapprez entaha, inkluz qabel interro-gazzjoni mill-pulizija jew minn awtorita oħra tal-infurzar tal-lig i jew awtorita g udizzjarja;*

*(b) L-Istati Membri għandhom jiz guraw li l-persuna suspettata jew akkuz ata jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun prez enti u jippartec ipa b'mod effettiv meta hija tig i interrogata. Tali partecipazzjoni għandha tkun konformi mal-proceduri taħt il-ligi nazzjonali, dment li tali proceduri ma jippreg udikawx l-ezercizzju effettiv u l-essenza tad-dritt koncernat. Fejn avukat jippartecipa matul interrogazzjoni, il-fatt li saret tali partec ipazzjoni għandu jig i*

*rreg istrat bl-uz u tal-proc edura ta' reg istrar f'konformita mal-lig i tal-Istat Membru konc ernat;*

*(c) għandhom, minn tal-inqas, ikollhom id-dritt li l-avukat tagħhom jattendi għall-avvenimenti investigattivi jew l-attita' g bir ta' provi li g ejjin,fejn dawk l-atti huma previsti fil-lig i nazzjonali u jekk il-persuna suspettata jew akkuz ata hija meħtieg a jew permessa li tattendi l-att konc ernat:*

*(i) ringieli ta' persuni għall-identifikazzjoni;*
*(ii) konfrontazzjonijiet;*
*(iii) rikostruzzjonijiet sperimentali tax-xena tar-reat kriminali.*

*4. L-Istati Membri għandhom jimpenjaw ruħhom li jagħmlu l-informazzjoni g enerali disponibbli biex jagħmluha fac li għall- persuni suspettati jew akkuz ati li jsibu avukat. Minkejja d-dispozizzjonijiet tal-ligi nazzjonali dwar il-prez enza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jagħmlu l- arrang amenti meħtieg a biex jiz guraw li l-persuni suspettati jew akkuz ati li jinc aħdu mil-liberta tagħhom ikunu f'poz izzjoni li jez erc itaw b'mod effettiv id-dritt tagħhom ta' ac c ess għas- servizzi ta' avukat, sakemm ma jkunux irrinunzjaw dak id- dritt f'konformita mal-Artikolu 9.*

*5.Huwa f'cirkostanzi eccezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawza li l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tal-punt (c) tal-paragrafu 2 fejn id-distanza geografikament 'il bogħod ta' persuna suspettata jew akkuzata tagħmilha impossibbli li jig izgurat id-dritt ta' access għas-servizzi ta' avukat mingħajr dewmien zejjed wara li persuna tkun incaħdet mil-liberta tagħha.*

*6. F'cirkostanzi eccezzjonali u biss fl-istadju ta' qabel il- kawza, l-Istati Membri jistgħu jidderogaw temporanjament mill-applikazzjoni tad-drittijiet previsti fil-paragrafu 3 sakemm dan ikun iggustifikat fic -cirkostanzi partikolari tal-kaz , abbazi ta' waħda mir-ragunijiet konvincenti li gejjin:*
*(a) fejn hemm ħtieg a urg enti li jkunu evitati konsegwenzi negattivi serji għall-ħajja, il-liberta jew l-integrita fiz ika ta' persuna;*
*(b) fejn l-azzjoni immedjata mill-awtoritajiet investigattivi tkun essenzjali biex jig u evitati li l-proc edimenti kriminali jig u pperikolati b'mod sostanzjali.' (Emfazi u sottolinear mizjud)*

**Fil-kaz odjern, l-appellant kien irrinunzja ghad-dritt ta' ghajnuna legali qabel l-interrogatorju**[5]. L-artikolu 9 ta' din id-Direttiva 2013/48/UE dwar ir-rinunzja jiprovdi li:

*'1. Mingħajr pregudizzju għal-ligi nazzjonali li teħtieg il- prezenza jew l-assistenza obbligatorja ta' avukat, l-Istati Membri għandhom jizguraw li, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-Artikoli 3 u 10:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkuzata tkun ingħatat, bil-miktub jew bil-fomm, informazzjoni cara u sufficjenti b'lingwagg semplic i u li jinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt koncernat u l-konsegwenzi possibbli tar-rinunzja għalih; u*

*(b) ir-rinunzja tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*2. Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew bil-fomm, għandha tig irregistrata, kif ukoll ic - cirkostanzi li fihom tkun ingħatat ir- rinunzja, bl-uz u tal-procedura ta' registrar f'konformita mal-ligi tal-Istat Membru koncernat.*

*3. L-Istati Membri għandhom jizguraw li l-persuni suspettati jew akkuzati jistgħu jirrevokaw ir-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju matul il-procedimenti kriminali u li huma jigu infurmati b'dik il-possibbilta. Tali revoka għandu jkollha effett mill-mument li ssir.* '

*It-trasposizzjoni ta' din id-Direttiva fil-ligi ta' Malta sehhet permezz tal-Att Nru LI tal-2016*[6]*. Illum il-gurnata, l-legislazzjoni Sussidjarja 9.24 bl-Avviz Legali 102 tal-2017 tiprovdi ghal Regolamenti dwar il-procedura waqt l-interrogazzjoni ta' persuni suspettati u persuni akkuzati.*

Prezentament, is-**subartikoli (1) u (2) tal-artikolu 355AUA** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdu li:

*'(1) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt ta' aċċess għal avukat fil-ħin u b'tali mod li jħalliha teżerċita d-drittijiet ta' difiża tagħha b'mod prattiku u effettiv.*

*(2) Il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mingħajr ebda dewmien. Fi kwalunkwe eventwalità, il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha aċċess għal avukat mill-mument li sseħħ l-ewwel waħda minn dawn il-ġrajjiet:*

---

[5] Sottolinear ta' din il-Qorti

[6] Senjatament permezz tal-artikolu 355AT(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

*(a) qabel ma tkun interrogata mill-Pulizija Eżekuttiva jew minn awtorità oħra għall-infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja fir-rigward tat-twettiq ta' reat kriminali;*
*(b) mat-twettiq minn awtoritajiet investigattivi jew awtoritajiet kompetenti oħra ta' xi att ta' natura investigattiva jew att ta' kollezzjoni ta' evidenza oħra skont is-subartikolu (8)(e);*
*(ċ) mingħajr ebda dewmien wara li tkun ġiet imċaħħda l-libertà; (d) meta tkun ġiet imħarrka sabiex tidher quddiem qorti ligħandha ġurisdizzjoni f'materji kriminali, f'qasir żmien qabel ma titressaq quddiem dik il-qorti.'*

Filwaqt li l-**artikolu 355AUA(8)** tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta jaqra:

*'Id-dritt ta' aċċess għal avukat għandu jfisser dan li ġej:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata, jekk tkun għażlet li teżerċita d-dritt tagħha għall-assistenza legali, u l-avukat tagħha, għandhom ikunu infurmati bl-allegat reat li għalih il-persuna suspettata jew akkużata ser tkun interrogata. Dik l-informazzjoni għandha tingħata lill-persuna suspettata jew akkużata qabel ma tibda l-interrogazzjoni, liema ħin m'għandux ikun inqas minn siegħa qabel ma tibda l-interrogazzjoni;*
*(b) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li tiltaqa' u tikkomunika fil-privat mal-avukat li jirrappreżentaha, inkluż interrogazzjoni minn qabel mill-pulizija jew minn awtorità oħra ta' infurzar tal-liġi jew awtorità ġudizzjarja;*
*(ċ) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jkun preżenti u jipparteċipa b'mod effettiv fl-interrogazzjoni. Dik il-parteċipazzjoni tista' tiġi regolata skont proċeduri li l-Ministru responsabbli għall-Ġustizzja jista' jistabbilixxi permezz ta' regolamenti, hekk iżda li dawk il-proċeduri ma jippreġudikawx l-eżerċizzju effettiv u l-essenza ta' dak id-dritt konċernat. Meta avukat jipparteċipa fl-interrogazzjoni, il-fatt li kien hemm dik il-parteċipazzjoni għandu jkun irreġistrat permezz tal-użu fejn, fl-opinjoni tal-intervistatur, hu possibbli ta' mezzi awdjoviżwali skont il-paragrafu (d): Iżda d-dritt tal-avukat li jipparteċipa b'mod effettiv ma għandux jinftiehem bħala dritt tal-avukat li jostakola l-interrogazzjoni jew li jissuġġerixxi tweġibiet jew reazzjonijiet oħra għall-interrogazzjoni u kull mistoqsija jew rimarka oħra mill-avukat għandha, ħlief f'ċirkostanzi eċċezzjonali, issir wara li l-Pulizija Eżekuttiva jew awtorità oħra investigattiva jew awtorità ġudizzjarja jkunu ddikjaraw li ma għandhomx aktar mistoqsijiet;*
*(d) l-interrogazzjoni, it-tweġibiet kollha li jingħataw għaliha u l-proċeduri kollha relatati mal-interrogazzjoni tal-persuna suspettata jew akkużata, għandhom fejn, fl-opinjoni tal-*

*intervistatur, hu possibbli jkunu rrekordjati b'mezzi awdjoviżwali u f'dak il-każ għandha tingħata kopja tagħhom lill-persuna suspettata jew akkużata wara li tkun intemmet l-interrogazzjoni. Kwalunkwe recording għandu jkun ammissibbli bħala prova, sakemm il-persuna suspettata jew akkużata ma tallegax u ma tagħtix prova li r-recording mhuwiex ir-recording oriġinali u li dan ġie mbagħbas. M'hemmx għalfejn issir traskrizzjoni tar-recording meta tkun użata fi proċeduri fil-qorti tal-ġustizzja ta' ġurisdizzjoni kriminali, lanqas ma hemm bżonn tal-firma tal-persuna suspettata jew akkużata f'dikjarazzjoni bil-miktub li tkun saret wara l-konklużjoni tal-interrogazzjoni ġaladarba l-mistoqsijiet u t-tweġibiet kollha, jekk hemm, ikunu ġew irrekordjati fuq mezzi awdjoviżwali;*

*(e) il-persuna suspettata jew akkużata għandu jkollha d-dritt li l-avukat tagħha jattendi għall-atti investigattivi jew ġbir ta' evidenza jekk il-persuna suspettata jew akkużata jeħtiġilha jew ġiet permessa li tattendi għall-att konċernat:*

*(i) ringiela ta' persuni suspettati għal finijiet ta'identifikazzjoni;*

*(ii) konfrontazzjonijiet;*

*(iii) rikostruzzjonijiet tax-xena tad-delitt.*'

L-**artikolu 355AUG tal**-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta rigwardanti r-rinunzja jaqra:

'*(1) Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet ta' dan is-Sub-titolu li jeħtieġ il-preżenza mandatorja jew assistenza ta' avukat, fir-rigward ta' kwalunkwe rinunzja ta' dritt imsemmi fl-artikoli 355AUA u 355AUH:*

*(a) il-persuna suspettata jew akkużata għandha tingħata, verbalment jew bil-miktub, informazzjoni ċara u sufficjenti b'lingwa sempliċi u li tinftiehem dwar il-kontenut tad-dritt ikkonċernat u l-konsegwenzi possibbli f'każ li ssir rinunzja għalih;*

*(b) ir-rinunzja għandha tingħata volontarjament u b'mod inekwivoku.*

*(2) Ir-rinunzja, li tista' ssir bil-miktub jew verbalment, għandha tkun reġistrata kif ukoll iċ-ċirkostanzi li fihom tkun saret ir-rinunzja, bl-użu ta' kwalunkwe proċedura ta' rekordjar permessa bil-liġi.*

*(3) Il-persuna suspettata jew akkużata tista' tirrevoka r-rinunzja sussegwentement fi kwalunkwe stadju waqt il-proċeduri kriminali, u għandha tkun infurmata dwar din il-possibilità. Dik ir-revoka għandu jkollha effett biss mill-mument li tkun saret.*'

F'dan ir-rigward din il-Qorti tghamel refernza ghal sentenza moghtija minn din l-istess Qorti fl-ismijiet **<u>il-Pulizija vs Claire Farrugia</u>**[7] fejn l-appellanti kient ghamlet stqarrija fejn ammetiet il-partecipazzjoni taghha fir-reat wara li kient irrifjutat li tiehu parir legali qabel ma giet interogata, fejn inghad is-segwenti:_

*'Il-kliem uzati f'dik it-twissija hija 'int ghazilt li ma tixtieqx tikkonsulta jew tigi assistit', ma jirrizultax jekk il-kliem 'tigi assistit' jirreferix ghal qabel l-istqarrija jew matul. Madankollu tenut kont tal-fatt li l-ligi fiz-zmien li l-appellanta ghamlet iz- zewg stqarrijiet ma kinitx tiprovdi d-dritt li tkun assistita waqt it-tehid tal-istqarrija jikkonferma li l-kliem 'tigi assistit' f'dik it-twissija qieghed jirreferi ghal qabel l-ghoti tal-istqarrija. Din il-Qorti tikkunsidra wkoll li l-fatt li l-appellanta irrifjutat id-dritt li tikkonsulta ma Avukat qabel l-istqarrija kif kellha kull dritt li taghmel, ma jfissirx li hi kienet ser tirrifjuta li tkun assistita matul l-interrogazzjonijiet li kieku kellha d- dritt. Ghalhekk din il-Qorti, kuntrarjament ghal dak li stqar l-Avukat Generali fin- nota tieghu ma tistax tintepreta' r-rinunzja tal-appellanta milli tikkonsulta ma' Avukat qabel it-tehid tal-istqarrija bhala rinunzja tacita ghad-dritt li jkun hemm prezenza ta' Avukat waqt it-tehid tal-istqarrijiet u dan stante li fiz-zmien tat-tehid tal-istqarrijiet, il-ligi ma kinitx tipprovdi ghal dan id-dritt u ghalhekk l-appellanta ma kellha l-ebda ghazla x'taghmel rigwardanti l-prezenza o meno ta' Avukat waqt l- interrogatorju.*
*Tenut kont ta' dan, din il-Qorti sabiex ma jigux lezi d-drittijiet tal-appellanta sejra tiskarta iz-zewg stqarrijiet maghmulha mill-appellanta u tiddikjarahom inammissibli.'*

Fis-sentenza fl-ismijiet **<u>'Il-Pulizija (Spettur Malcolm Bondin) kontra Aldo Pistella</u>**[8]' fejn fost numru ta' kunsiderazzjonijiet, gie kkunsidrat li:

*'Riferibbilment ghall-kaz in ezami, jirrizulta illi Aldo Pistella nghata dritt li jkellem lill-avukat ta` ghazla tieghu qabel irrilaxxja l-istqarrija lill-Ispettur Malcolm Bondin. L-ispettur koncernat ikkonferma li hekk kien il-kaz, kemm meta xehed fil-kors ta` dan il-procediment, kif ukoll meta xehed fil-kawza kriminali. In partikolari, fis-seduta tal-kawza kriminali tal-20 ta` Ottubru 2014 stqarr illi :-*

[7] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-20 ta' Novembru, 2018 (Appell Numru: 259/2018)
[8] Deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili (Gurisdizzjoni Kostituzzjonali) nhar is-27 ta' Gunju, 2017 (Refereza Kostituzzjonali Numru: 104/16JZM).

*"Minn hemm hekk komplejna bl-investigazzjonijiet mas-sur Aldo Pistella fejn jien tajtu d-drittijiet tieghu u fejn tajtu d-dritt tal-parir legali fejn xtaq li jkellem avukat u fil-fatt kien tkellem ma` l-avukat tieghu Dr. Sarah Sultana personalment, kien tkellem l-ghada filghodu fejn kienet giet tkellmu gewwa l-kwartieri tal-Pulizija. Wara li ha l- parir legali kont komplejt bl-investigazzjonijiet mieghu...." (ara fol 19 u 20 tal-process kriminali).*

*Mill-istqarrija rrizulta wkoll illi Pistella kkonferma li fehem it-twissija moghtija lilu mill-pulizija u li kien kellem lil avukat tieghu qabel ma rrilaxxja l- istqarrija. Insibu a fol 29 :*

*"M: Fhimtha t-twissija li ghadni kif tajtek?*
*T: Iva.*
*M: Tikkonferma li kellimt lil avukat tieghek Dr. Sara Sultana u gejt moghti dokument bid-drittijiet kollha tieghek bil-lingwa taljana?*
*T: Iva."*
*Madanakollu rrizulta wkoll illi Pistella ma kienx assistit mill-avukat ta` ghazla tieghu waqt it-tehid tal-istqarrija. Gara hekk ghaliex fiz-zmien meta Pistella kien qed jigi nvestigat, ma kienx hemm dritt li min kien qed jigi nvestigat jitlob li jkun assistit minn konsulent legali waqt it-tehid ta` l- istqarrija.*

*Din hija propju l-kwistjoni mertu tar-referenza kostituzzjonali odjerna, ossija jekk il-kaz ta` persuna li ma jkollhiex assistenza legali fl-istadju meta tkun giet arrestata u interrogata jikkostitwix ksur tal-jedd ghal smigh xieraq kif tutelat bl-Art 6 tal-Konvenzjoni.*

*Il-Qorti hadet nota tal-fatt li Aldo Pistella ddikjara li talab l-assistenza ta` avukat izda dak l-avukat ma kienx prezenti waqt l-interrogatorju.*

*Irrizulta wkoll mix-xiehda tal-Ispettur Bondin fil-proceduri kriminali illi waqt li kien qed jaghti l-istqarrija, Pistella kkopera izda kellu problema bejn li ried jikxef il-persuni involuti u bejn li ma riedx ; ghalhekk kien rega` nsista li jkellem lill-konsulent legali izda din it-talba kienet michuda.*

L-ispettur xehed hekk a fol 25 :-

*"Is-sinjur ikkopera maghna bis-shih. Il-problema li kellu s-sinjur qisu bejn jixtieq jikkopera mal-pulizija u jghid verament min huma nvoluti n-nies u minn ghand min kien qed jixtri u jassistina f`dawk l- affarijiet u bejn qed jibza` minn dawn l-affarijiet. Ghax f`hin minnhom*

*xtaq li jghinna u f hin minnhom rega` talab biex jitkellem fil-fatt ma` l-avukat, ghidtlu li ma jistax."*

Ghal din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni jwassal ghal sitwazzjoni fejn l-uzu ta` l-istqarrija mehuda minghajr l-assistenza legali tammonta ghal lezjoni tad-dritt ghal smigh xieraq tal-imputat skont l-Art 6 tal-Konvenzjoni.

Din il-Qorti tqis li ghall-kaz odjern ghandha tapplika l- gurisprudenza l-aktar ricenti tal-ECHR u tal-qrati taghna fejn inghad kjarament li d-dritt ta` l-applikant jigi rrimedjabbilment ippregudikat meta hu jirrilaxxa stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu. '

Dik il-Qorti ddeciediet li:

*'Fil-fehma ta` din il-Qorti, il-fatt li persuna ma kinitx assistita minn avukat waqt l-interrogazzjoni u waqt l-istess interrogazzjoni talbet li terga` tkellem lill-avukat u tali talba giet michuda, iwassal ghal sitwazzjoni fejn id- dritt ta` dik il-persuna, fil-kaz tal-lum Aldo Pistella, kien irrimedjabbilment ippregudikat stante illi huwa rrilaxxja stqarrijiet waqt l-interrogazzjoni meta ma kienx assistit minn avukat u in segwitu dawk l-istqarrijiet jintuzaw kontra tieghu.*

*Issa rrizulta wkoll illi l-kawza kriminali ghadha pendenti.*

*Ghalkemm il-qorti ta` gurisdizzjoni kriminali eventwalment taghti decizjoni fil-mertu wara li jkun inghalaq il-gbir tal-provi, tenut kont tal- konsiderazzjonijiet kollha premessi, m`ghandux ikun illi l-kawza kriminali titkompla bl-istqarrija ta` Aldo Pistella lill-Ispettur Malcolm Bondin tkun taghmel prova ladarba rrizulta li waqt it-tehid tal- istqarrija ma kienx prezenti l-avukat ta` Aldo Pistella.*

***Del resto l-Avukat Generali u l-Kummissarju tal-Pulizija t-tnejn sostnew illi l-kaz tal-pulizija kontra Aldo Pistella mhuwiex fondat biss fuq l-istqarrija ta` l-akkuzat izda fuq provi ohra wkoll.***

***Ghalkemm jibqa` l-principju li procediment gudizzjarju ghandu jitqies fit-totalita` tieghu sabiex jigi determinat kienx hemm ksur tal- jedd ghal smigh xieraq, tibqa` l-konsiderazzjoni li m`ghandu jsir ebda uzu mill-istqarrija ta` Aldo Pistella fil-process kriminali sabiex meta jintemm il-process kriminali, ma jkunx mittiefes b`irregolaritajiet**.'*

Illi kif ikkunsidrat, l-appellant kien irrinunzja ghad-dritt li jkollu ghajnuna legali qabel ma gie interrogat. Din il-Qorti temfasizza li dan il-fatt ma jistax jigi interpretat bhala rinunzja tacita ghad-dritt li l-appellant ikollu prezenti Avukat waqt it-tehid tal-istqarrija u dan stante li fiz-zmien li ttiehdet l-istqarrija, l-appellant ma kellux il-jedd illi jaghzel li jkollu l-prezenza ta' Avukat matul l-interrogatorju. Ghalhekk, din il-Qorti sejra tilqa' l-ewwel agggravju tal-appellant in linea mad-Direttiva 2013/48/UE u tal-izvillup gurisprudenza sabiex id-drittijiet tal-appellant ma jigux lezi, tiddikjara l-istqarrija tal-appellant bhala inammissibli u ghalhekk kwalunkwe referenza ghall-istqarrija fl-atti sejra tigi skartata.

Illi fir-rigward tat-tieni aggravju l-appelant jghid li l-ewwel Qorti ma setghetx issib lill-appellant hati ta' l-ewwel u t-tieni akkzua u dan ghaliex fl-ewwel lok kien hemm biss lifter wiehed biss li kien tajjeb ghal-kumparazzjoni waqt li fit-tieni kaz kien hemm tnejn tajbin ghall-komparazzjoni.

Il-Qorti hawnhekk taghmel refernza ghal dak li kkonkluda l-espert nominat mill-Qorti Joseph Malllia independentement minn dak li stqar l-appellant fl-istqarrija tieghu.

B'referenza ghall-ewwel akkuza u cioe is-serq mill-fond 'Roseville' Triq Wirt Naturali, Bahar ic-Caghaq jirrizulta li kien hemm tlett impronti li gew elevati minn fuq ix-xena tad-delitt u dan minn PS 637 Kevin Manicolo. Jirrizulta li Joseph Mallia ghamle l-esami komparattiv bejn dawn l-istess tlett impronti elevati minn Manicolo u l-impronti elevati minnu tal-appellant u irrizulta li vera kien hemm xi lifters li kienu nieqsa minn karatteristici li jwaslu ghall komparazzjoni u identifikazzjoni pero' kien hemm lifter partikolari dokumentata 12 BJJ 302 li hi impronta digitali zviluppata permezz ta' aluminium powder u elevata permez ta' 'lifting tape' fuq

acitane sheet trasparenti' u meta sar l-esami komparattiv bejnha u l-impronti tal-appellant (dok KG1) irrizulta li din l-impronta taqbel pozittivament u ghalekk hija identitka mal-marka tas-saba tal-id il-leminija ta' l-istess Kurt Grima.

Illi ghalhekk ma hemmx dubbju li l-appellant f'xi zmien instab fir-residenza ta' Paul Vella zgur qabel dak in-nhar li gew elevati l-impronti nhar il -10 ta' Mejju 2012. Illi din l-impronta giet elevata minn fuq il-poggaman tal-gallerija tal-fond u ghalhekk hu indikattiv li f'xi hin Grima kien f'dan l-istess fond. Skont ix-xhieda ta' ex Ps 1121 illum Spettur Justin Camilleri jirrizulta li Paul Vella kien irraporta l-ghassa tal-pulizija tan-Naxxar li kien safa vittma tas-serq u li kien hu li acceda fuq il-post li kien sab bieb li jinsab fuq il-gallerija li jinfed ghall-kamra tas-sodda li kien miftuh. Gie nnotat ukoll li zewg *bullk heads lights* li kienu imwahla mal-hajt tal-gnien tal-fond instabu maqlugha minn posthom imdendla u mitfija u dawn is-soltu jixghelu permezz ta' timer.

Illi ghalhekk kif tajjeb osservat l-ewel Qorti minkejja li d-derubat ma xehdx l-prosekuzzjoni xorta irnexxilha tipprova li in effetti kienet saret serqa fil-fond dak in-nhar tal-10 ta' Mejju 2013 liema serqa hija aggravata bil-lok stante li din hija ir-residenza ta' Paul Vella u bil-mezz stante li l-appellant dahal fil-fond permezz ta' skalar kif rapportat fl-okkorenza konfermata minn PS 1121 Justin Camilleri. L-Qorti tirrileva li ma tistax tifhem kif l-appellant talab fl-ewwel aggravju tieghu li din l-Qorti ghandha tiskarta l-istqarrija tieghu u dak kollu li qal fiha, mbaghad ikun hu stess li jghamel refernza ghal dak li stqarr fl-istess stqarrija fir-rikors tal-appell tieghu biex 'juri l-karattru tal-imputat illum appellant (vide bullet numru 11 tar rikros tal-appell) .

Dwar it-tieni akkuza u cioe' serq aggravat mill-vettura Seat Ibiza Numru ta' registrazzjoni IAM 829 ghad-detriment ta' Joseph John Cesare jinghad li din tirrizulta ukoll kemm mix-xhieda ta' Joseph John Cesare li jghid li kien halla l-vettura tieghu fl-Industrial Estate ta' Kordin ghall-habta tas-7.00a.m nhar il-11 ta' Gunju 2012 u irritorna lura gall-habta tas-6.00p.m u sab il-hiega tal-passigiera ta' quddiem miksura u li l-ispeakers u mitt CD insterqulu. Ghalhekk a bazi ta' din il-prova l-akkuza ta' serq aggravta bin-natura tal-haga mitruqa tirrisulta ghaliex is-serq sar

minn go karozza u bil-valur stante li skond id-derubat dawn kien xtrahom mitejn u hamsin euro (€250) u ma ingabet l-ebda prova fil-atti li l-valur ta' dak li insteraq kien jiswa inqas.

Illi pero' l-prosekuzjoni kellha tipprova li ken l-appellant li seraq dawn l-oggetti u sgassa il-vettura proprjeta ta' Cesare. Minn esami tar-rapport ta' PS 1261 Charles Pace jidher li gew elevati tlett lifters minn fuq il-karozza, tnejn minnhom minn fuq il-*wind breaker* tal-bieba tas-sewwieq u lifter iehor minn fuq is-saqaf tal-vettura. Joseph Mallia l-espert nominat mill-Qorti ikkonkluda li l-impronta markata bhala 12 BSN 202 elevata minn PS 1261 minn fuq il-windbreaker tal-bieba tas-sewwieq taqbel perfettament ma parti mill-marka tal-pala ta' id l-leminija ta' Kurt Grima.

Ghalhekk f'dawn iz-zewg serqiet jidher li hemm *positive match* bejn l-impronti li gew elevati mix-xena tad-delitt u dawn tal-appellant.

Dwar il-portata ta' finger prints fil-kawza **Il-Pulizija vs. Noel Frendo**[9] il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

"L-*impronti digitali (u dawk palmari) huma forma ta' prova indizzjarja – "circumstantial evidence"" - li kif qal Lord Salmon fil-kaz DPP v. Kilbourne [1973] AC 729, p. 758 "…works by cumulatively, in geometrical progression, eliminating other possibilities". Il-kwistjoni kollha hi mhux jekk l-impronta instabitx f'post pubbliku jew f'post privat jew anqas pubbliku - il-kwistjoni kollha hi jekk, fid-dawl tac-cirkostanzi kollha, il-post fejn instabet l-impronta tikkonvincix lill-gudikant lil hinn minn kull dubbju dettat mir-raguni li dik l-impronta saret mill-persuna li lilha tappartjeni fil-kors tal-kommissjoni minn dik l-istess persuna tar-reat li bih tkun akkuzata jew fil-kors ta' xi atti li jammontaw ghall-anqas ghal tentattiv ta' dak ir-reat*".

Fil-kawza kwotata hawn fuq, il-Qorti qalet hekk ukoll:

*"Wahedhom dawn l-impronti kienu tali li setghu, legalment u ragjonevolment, inisslu fil-gudikant il-konvinciment morali li kienet il-persuna li lilha kienu jappartjenu l-istess impronti li kienet hekk spustathom, u dan evidentement bil-hsieb li jingarru flimkien ma' l-*

[9] Deciza fit-30 ta' Dicembru 2004,mill-Qorti tal-Appell Kriminali

*oggetti l-ohra li kienu effettivament ingarru. Fin-nuqqas ta' xi spjegazzjoni, imqar fuq bazi ta' probabbilita`, ta' kif dawk l-impronti tal-appellant Frendo spiccaw fuq l-oggetti misjuba fil-kaxxa, l-ewwel qorti ftit li xejn kellha triq ohra ghajr li ssib lill-appellant hati skond l-ewwel imputazzjoni".*

Riferenza ghandha ssir ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Alfred Bugeja**[10], fejn il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"F'dan il-kaz l-impronta li qablet mas-saba' z-zghir ta' l-id ix-xellugija ta' l-appellat instabet fuq il-kument tat-tieqa tan-naha tal-lemin ta' l-ufficcju tal-Mid-Med. Din it-tieqa tinsab fuq in-naha ta' wara tal-Bank fejn, minn ezami tar-ritratti mehudin u esebiti minn P.C. 516 Alfio Borg (a fol. 37), jirrizulta li hemm passagg dejjaq – mhux, mela, post fejn hu mistenni li jikkongregaw in-nies. L-impronta nstabet proprju fuq il-kument tat-tieqa tal-lemin, dik it-tieqa (sliding) li tkissritilha l-hgiega biex setghet tinfetah u tigi mbuttata lejn ix-xellug sabiex b'hekk il-halliel jew hallelin setghu jaqtghu l-hadid li kien hemm fuq in-naha ta' gewwa.*

*[...]*

*Dak li hu palezi hu li l-appellat ma ta' l-ebda spjegazzjoni ragjonevoli ta' kif impronta ta' idu l-leminija thalliet proprju fuq it-tieqa sgassata ta' l-ufficcju tal-Mid-Med Bank fl-Universita` Tal-Qroqq".*

Issir riferenza ghas-sentenza **il-Pulizija vs Nazzareno sive Reno Zarb**[11]: fejn inghad li:-

Illi gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Anthony Abela[12]"***li l-prova tal-fingerprint ghandha tkun sufficjenti biex tissodisfa l-oneru tal-prova u legalment mhux necessarju li jkun hemm xi korroborazzjoni ta' din il-prova billi l-istess prova wahedha ghandha twassal ghall-htija tal-persuna akkuazta. Il-Qorti pero' kienet ghamlet distinzjoni bejn fingerprints li jinstabu f' postijiet pubblici bhal hwienet, knejjes, cinematografi, hwienet tax-xorb, diskoteki, ecc. li fihom imorru hafna nies u fingerprints li jinstabu f' xi dar ta' residenza.*

Il-Qorti qalet hekk fir-rigward :-

---

[10] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-22 ta' Novembru 2012
[11] Deciza fil-31.08.2016 mill-Onor. Imhallef Dr Joseph Galea Debono; App. Krim. Nru. 108/2006
[12] Deciza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-28 ta' Mejju 1998

"Kienet tkun haga ferm differenti li kieku l-post derubat kien xi residenza privata u jigi stabbilit li ssuspettat, li instabu l-impronti digitali tieghu fuq il-post, qatt ma kien dahal fih u li d-derubat qatt ma kien jafu jew li kien dahallu fir-residenza tieghu. F' dan il-kaz il-prova tal-fingerprints wahedha hija sufficjenti biex il-Qorti issib htija."

Illi l-Qorti ghandha tistaqsi jekk il-prova tal-impront fuq il-poggaman tal-gallaerija tad-dar privata ta' Paul vella u l-impronta li instabet fuq il-windbreker tal-vettura ta' Cesare himiex sufficjenti sabiex wiehed jikkonkludi illi l-ewwel Qorti kellha ragun meta kkonkludiet li l-appellant kien il-malviventi involut f'dawn iz-zewg reati. Illi huwa principju rassodat illi l-provi fil-kamp kriminali jistghu ikunu kemm diretti kif ukoll indizjali, izda dawn ta' l-ahhar iridu ikunu univoci, iwasslu ghal konkluzjoni wahda u iridu ikunu sufficjenti tali biex inisslu konvinciment morali f'mohh il-gudikant lil hinn minn kull dubbju ragjonevoli mir-reita' ta' l-imputat. Fil-fatt, il-provi cirkostanzjali jistghu jitqiesu bhala prova ammissibbli jekk huma univoci u jwasslu ghall-konkluzjoni wahda.[13]

Fil-fehma tal-Qorti l-ewwel Qorti kkonkludiet korrettement rigward dawn l-ewwel u t-tieni akkuza.

Dwar it-tielet jinghad li l-appellant ma giex akkuzat bl-aggravju tal-mezz fir-rigward tar-reat ta' serq min gol- vettura Seat Ibiza izda bir-reat ta' hsara volontarja. Jidher mix-xheida ta' Cesare li l-malvivent kien kisser il-hgiega tal-passigier ta' quddiem sabiex sar is-serq. Stante li din il-Qorti kif del resto ghamlet l-ewwel Qorti sabet lill-appellant hati tar- reat ta' serq minn din l-istess vettura qed issibu ukoll hati tar-reat ta' hsara volontarja fuq l-istess vettura.

L-appellant instab hati ukoll talli hu recidiv. L-ewwel Qorti tat ir-ragunijiet taghha ghaliex in effetti l-appellant hu recidiv u dan in vista tal-erba' sentenzi li gew esebiti l-Qorti u fil-fatt hemm l-ebda referenza ghal din l-akkuza minkejja li kien instab hati taghha.

[13] **Il-Pulizija vs. Carmelo Calleja**, deciza mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-7 ta'Mejju 2010.

Dwar it-tielet aggravju tal-appellant u cioe' li l-piena hija eccesiva jinghad li huwa minnhu li fil-ġurisprudenza nostrana speċjalement dik reċenti, ġie stabbilit li huwa indesiderabbli li l-Qorti Superjuri tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti, madanakollu tali diskrezzjoni trid tkun fundata fuq dispożizzjonijiet tal-liġi speċifiċi li jipprovdu l-bażi legali għad-diskrezzjoni applikata mill-Ewwel Qorti. Infatti Fis-sentenza tal-każ **<u>Il-Pulizija vs. Spiru Muscat</u>**[14] l- Qorti sostniet:

*"Issa fit-termini tal-Ġurisprudenza ormai kostanti tal-Qrati tagħna, meta jkun hemm ammissjoni huwa xi ftit jew wisq odjuż appell minn piena sakemm din tkun tirrientra fil-limiti li tiprefiġġi l-liġi. Dan huwa hekk peress illi min jammetti jkun* qiegħed jassumi ir-*responsabbilita' tad-deċiżjoni li jkun ħa u jirrimetti ruħu għall kull deċiżjoni dwar piena li l-Qorti tkun tista' tasal għaliha......M'huwiex normali pero li tiġi disturbata d-diskrezzjoni ta' l-Ewwel Qorti jekk l-piena nflitta tkun tidħol fil-parametri tal-Liġi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun ingħatat"*

Din il-forma mentis tal-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali hija ukoll riflessa f'sentenzi oħra ta' l-istess Qorti fosthom **<u>Il-Pulizija vs. Massimiliano Maurizio</u>** [15], **<u>Il-Pulizija vs. Jeremy James Farrugia</u>**[16] u **<u>Repubblika ta' Malta vs. Eleno sive Lino Bezzina</u>**[17]. Din il-ġurisprudenza ormai ben kristallizzata u aċċettata in linea ta' prinċipju fil-ġurisprudenza tagħna, tgħallimna illi l-Onorabbli Qorti ta' l-Appell għandha tbiddel u tvarja l-piena inflitta minn l-Ewwel Onorabbli Qorti, fil-każijiet fejn dik il-piena ma tkunx pjenament imsejsa fuq dispożizzjonijiet tal-liġi. Dan il-prinċipju kien ġie ukoll kristallizzat fis-sentenza fil-każ **<u>il-Pulizija vs. Joseph Attard</u>** [18], fejn il-Qorti qalet li:

*"Il-Qorti tal-Appell carament tbiddel il-piena li tkun imponiet l-ewwel Qorti. Dan taghmlu* **biss** [19]*meta jkun manifestament evidenti li dik il-Qorti tkun imponiet xi piena mhux kontemplata mill-ligi ghar-reat in ezami, jew tkun xi piena harxa wisq jew sproporzjonata ghal dak li jkun ghamel il-hati, jew tkun xi piena mhux fil-parametri tal-ligi."*

---

[14] Deciz mill- Qorti ta' l-Appell kriminali fil-15 ta' Frar 2012 (255/2011)
[15] Qorti ta' l-Appell Kriminali (Inferjuri) preseduta mill-Imħallef Joseph Galea Debono fit-13 ta' Novembru 2003
[16] Qorti ta' l-Appell Kriminali, presjeduta mill- Imhallef Joseph Galea Debono fl-14 ta' Ottubru 2003 (155/2003
[17] Qorti tal-Appell Kriminali (Sede Superjuri) mogħtija fl-24 t'April 2003 (numru 10/1994).
[18] Mogħtija mill-Onorabbli Qorti ta' l-Appell Kriminali fis-26 ta' Jannar 2001
[19] Enfazi tal-Qorti

Il-Qorti ezaminat ukoll il-fedina penali tal-appellant li minkejja li l-appellant ghandu eta' zghira l-kondotta tieghu hija gja mimlija 'convictions' u ghalekk tali persuna ma jurix affidabilita' lil Qorti u wisq inqas raguni ghaleix ghandha tiddipartixxi mill-piena iposta mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant din il-Qorti qieghda tikkonfema is-sentenza moghtija mill-ewwel Qorti fl-intier taghha kemm fir-rigward tal–htija fir-rigward tal-ewwel, it-tieni u t-tielet akkuza kif ukoll fir-rigward tal-piena hemm inflitta, fir-rigward tal-liberazzjoni fir-rigward tar-raba' u l-hames akkuza u hi ukoll qed tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt, seba' u timien akkuza stante li l-appellant gja gie trattat ghal-ksur tal-Ordnijiet tal-Probation li kien inghata precedentement.

(ft) Consuelo-Pilar Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur